MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2010

Citazzjoni Numru. 408/2005

**Nazzareno Vassallo**

***Versus***

**Rita Maggi**

1. F’din il-kawża l-attur qiegħed jitlob il-ħlas ta’ sitt elef u erbatax-il lira (Lm6,014) – daqs erbatax-il elf u tmien euro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€14,008.85) – flimkien mal-imgħaxijiet u l-ispejjeż ġudizzjarji. Fisser illi b’kitba privata tat-13 ta’ Novembru 2001 il-konvenuta għarfet illi għandha tagħtih is-somma vera, ċerta u likwida ta’ sitt elef, mija u ħamsa u għoxrin lira (Lm6,125), li ntrabtet li trodd bi ħlasijiet ta’ mitt lira (Lm100) fix-xahar b’dan illi jekk taqa’ lura fi ħlas wieħed ikollha tħallas il-bilanċ kollu minnufih. Għalkemm għamlet xi ħlasijiet, il-konvenuta ma għamlet ebda ħlas ieħor mill-15 ta’ Settembru 2004 ’il quddiem, u għalxejn l-attur sejħilha, ukoll b’ittra uffiċjali tat-18 ta’ Marzu 2005, biex tħallas. L-attur għalhekk talab illi l-qorti, wara li (i) tgħid illi l-konvenuta tilfet il-benefiċċju

tat-terminu u (ii) tgħid illi għandha tagħti lill-attur bilanċ ta' sitt elef u erbatax-il lira (Lm6,014), jew erbatax-il elf u tmien euro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€14,008.85), (iii) tikkundannaha tħallas dak il-bilanċ flimkien mal-ispejjeż, fosthom dawk tal-ittra uffiċjali.

2. Il-konvenuta, għalkemm notifikata bl-atti u bl-avviż tas-smigħ, la ressqet eċċezzjonijiet u lanqas dehret għas-smigħ tal-kawża, u ma għamlet ebda sottomissjoni bil-miktub, għalkemm il-qorti tatha fakoltà tagħmel hekk kif igħid u jrid l-art. 158(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

3. Mix-xiehda jidher illi tassew illi l-konvenuta għandha tagħti lill-attur daqskemm mitlub fiċ-ċitazzjoni u illi waqgħet lura fil-ħlas.

4. Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi, wara li tgħid illi l-konvenuta tilfet kull benefiċċju ta' terminu, tikkundannaha tħallas lill-attur erbatax-il elf u tmien euro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€14,008.85) flimkien mal-ispejjeż u l-imgħaxijiet mitluba fiċ-ċitazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------